SANTA LUĊIJA

# MINUTI

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Santa Luċija**

**Is-Seba' Leġislatura**
**Laqgħa Numru 34-17**

**24 ta' Ottubru 2017**

Il-Kunsill Lokali ta' Santa Luċija ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 5/6 Binja tal-Faqqani, Trejqet il-Ġirasol Santa Luċija fil-4.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Terrence Ellul – Sindku
Frederick Cutajar – Viċi Sindku
Liam Sciberras - Kunsillier
Caroline Galea – Kunsillier
Joe Bonello – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**
Ħadd

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Caroline Silvio – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Terrence Ellul ippresjeda l-laqgħa.

**34.1 Minuta Silenzju**

**34.1.1** Fuq talba tal-Kunsilliera Caroline Galea saret minuta silenzu b'rispett lejn il-ġurnalista Daphne Caruana Galizja li nqatlet fil-ġurnata tat-Tnejn 16 ta' Ottubru 2017.

**34.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

**34.2.1 CCTV Camera**

Il-Kunsillier Liam Sciberras irrefera għall-minuta 32.2.1 u staqsa kienx hemm xi żvilupp fir-rigward tat-talba tal-Kunsill biex issir CCTV Camera fis-subway fit-Triq-Barrani. Is-Sindku qal li qed issir.

**34.2.2 Measure 4.4**

Il-Kunsillier Joe Bonello irrefera għall-minuta 33.4.3 u staqsa dwar l-applikazzjoni taħt Measure 4.4: Manutenzjoni u Bini ta' Ħitan tas-Sejjiegħ. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-applikazzjoni ser issir fil-*cut/off* date li jmiss f'Jannar 2018. Intant il-Kunsill ikkonferma li l-applikazzjoni għandha tirrigwarda il-ħitan tas-sejjiegħ fi triq immarkata No.1 – Triq il-Garnaw u fit-triq immarkata No.3 – Alley l/o ta' Garnaw fil-pjanta annessa.

**34.2.3 Marki tat-Toroq**

Il-Kunsillier Joe Bonello irrefera għall-minuta 33.4.4 u staqsa jekk sarux ir-*refreshing* tal-marki tat-toroq. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ħarġet ordni ta' xogħol.

**34.2.4 Approvazzjoni tal-Minuti**

Il-Minuti tal-Laqgħa numru 33-17 ġew approvati mill-Kunsill

**34.3 Affarijiet Finanżjarji u Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

**34.3.1 Kwotazzjonijiet ta' CCTV Cameras**

Is-Segretarju Eżekuttiv resqet għall-attenzjoni tal-Kunsill kwotazzjoni ta' diversi tipi ta' CCTV Cameras. Il-Kunsilliera Caroline Galea qalet li kella titwaħħal CCTV f' Pjazza Dorell. Qamet diskussjoni u l-Kunsill qabel li għandu jsir *meeting* ma' bniedem tekniku biex il-Kunsill jiġi ggwidat f'dan ir-rigward. Il-Kunsill għamel il-prioritajiet tiegħu ta' fejn għandhom jitwaħħlu CCTV cameras kif ġej:

1. Pjazza 7 ta' Lulju
2. Pjazza Dorell
3. Wied Garnaw

Il-Kunsill qabel ukoll li għandha ssir manutenzjoni tas-CCTV camera li l-Kunsill kien waħħal fuq il-kampnar tal-knisja. Il-Viċi Sindku qal li kien kellmu resident espert f'dan il-qasam li kien lest li jagħti pariri tekniċi lill-Kunsill dwar CCTV cameras. Il-Kunsill qabel li għanda tiġi kkuntatjata din il-persuna u ssir laqgħa f'dan ir-rigward.

Il-Viċi Sindku irrimarka li s-CCTV Cameras u r-*radars* li hemm fi Ġnien is-Serenita għandhom bżonn manutenzjoni għax mhux jiffunzjonaw. Qamet diskussjoni u s-Sindku spjega li irid jinbidel il-*cable* kollu tal-*cameras*. Ġie deċiż li għandha tinġieb kwotazzjoni tax-xogħol involut biex jiġu *reinstated* sew

il-*cameras* kif ukoll ir-*radars.*

**34.3.2 Kwotazzjoni għall-xiri ta' sistema ġdida tat-telefon**

Is-Segretarju Eżekuttiv resqet kwotazzjonijiet għall-sistema ġdida tat-telefon. Hija spjegat li meta ġiet biex tinstalla *telephone* speċjali għal persuna bi problema ta' smiegħ li taħdem mal-Kunsill, hija ġiet infurmata lis-sistema attwali kienet antika u ma tieħux dan it-tip ta' apparat. Hija qalet li mit-tlett kwotazzjonijiet li nġiebu jidher li sa issa wieħed biss ta garanzija li l-kwotazzjoni tinkludi apparat għal persuna bi problema ta' smigħ.

**34.3.3 Approvazzjoni għal xiri ta' Cooker**

Is-Segretarju Eżekuttiv resqet diversi kwotazzjonijiet għal xiri ta' cooker għad-Day Care Centre. Il-Kunsill approva l-orħos kwotazzjoni li tammonta għas-somma ta' €268.00.

**34.3.4 Approvazzjoni għal-xogħol ta' Accountancy**

Is-Segretarju Eżekuttiv spjeġat li mis-sena 2018 ser jiġi fis-seħħ xi tibdil fis-sistema ta' kif jiġu rekordjati id-*deferred income* u d-*depreciation* tal-assi tal-Kunsill. Hija qalet li hemm bżonn isir eżerċizju b'mod professjonali biex is-sistema finanzjarja tiġi aġġornata b'dawn it-tibdiliet. Hija resqet kwotazzjoni ta' €600.00 li l-*accountant* tal-Kunsill qed titlob biex twettaq dan l-eżerċizju. Il-Kunsill approva din l-ispiża.

**34.3.3 Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti**

Il-Kunsill approva l-Iskeda ta' Pagamenti numru CM 34-17 għall-perjodu bejn it-30 ta' Settembru 2017 sat-13 ta'Ottubru 2017 u minn *cheque* numru BOV6901 sa numru BOV6949.

**34.4 Komminikazzjoni mis-Sindku**

**34.4.1 Ġieħ Santa Luċija**

Il-Kunsill qabel li Ġieħ Santa Luċija jiġi ppreżentat waqt attivita li għandha ssir nhar l-Erbgħa, 29 ta' Novembru 2017. Din l-attivita għandha ssir fit-Tea Room fi Ġnien is-Serenita'.

**34.4.2 Newsletter Issue Number 24**

Is-Sindku nforma l-Kunsill li ser titħejja Newsletter li għandha titqassam f'Diċembru 2017. Kien hemm qbil li l-messaġġ ta' kull membru tal-Kunsill jinbagħt l-uffiċċju sa mhux aktar tard mill-15 ta' Novembru 2017.

**34.4.3 Europe for Citizens – Proġett Flows**

Saret referenza għal preparamenti għal parteċipazzjoni tal-Kunsill f'dan il-proġett. Il-Kunsillier Liam Sciberras qal li kien qed jaħdem fuq *power point presentation* skond kif qed jintalab mill-organizzaturi. Qamet diskussjoni dwar dan l-avveniniment li għalih kienu ser jattendu l-Kunsillieri Joe Bonello u Liam Sciberras.

**34.4.4 Ċirkulari 22-2017**

Is-Sindku ressaq kwotazzjoni tal-ispiża nvoluta biex isir *sliding door* awtomatiku fil-librerija pubblika. Ġie nutat li l-ispiża hija ħafna aktar mill-*budget* li kellu l-Kunsill. Is-Sindku rrakomanda li jinġiebu kwotazzjonijiet oħra ta' bieb li jinfetaħ bil-*pushbutton* bħal dawk tal-isptar.

**34.4.5 Christmas Street Lighting**

Is-Sindku qal li kien talab għall-kwotazzjoni biex jinxtegħlu t-toroq bid-dawl għal festi tal-Milied bħal tas-sena l-oħra. Huwa qal li xtaq iżid it-triq ta' faċċata tal-knisja.

**34.4.6 Ilment minn resident lil-Transport Malta dwar Triq il-Ġnien**

Is-Sindku nforma l-Kunsill b'*e-mail* li nbagħtet minn Transport Malta wara li din irċivit ilmenti minn resident dwar Triq il-Ġnien. Il-Kunsill iddiskuta dawn l-ilmenti u innota li meta tagħmel ħafna xita kulħadd ikollu xi tip ta' nkonvenjent. Fir-rigward tat-tieni ilment mill-istess resident il-Kunsill qabel li l-kuntrattur tal-Kunsill għandu jintalab irressaq il-ħamrija ta' fuq iċ-ċint tal-Jogging Track biex jifforma kanal ħalli l-ilma tax-xita ma jaqax fit-triq u jikkawża ħafna tajn.

**34.4.7 Bus Terminus**

Is-Sindku informa l-Kunsill b'diversi ilmenti li ressaq resident fir-rigward tal-*bus terminus*. Qamet diskussjoni u l-Kunsill innota li fuq din il-problema l-Kunsill kien qed jagħmel konsultazzjoni pubblika permess ta' *survey* li għaddej bħalissa u ser jistenna r-riżultat ta' dan is-*survey*.

**34.4.8 Community Workers Scheme – Performance Report**

Is-Sindku nforma li l-Kunsill ġie mitlub jimla t-*templates* tal-*performance report* għal kull ħaddiem li għandu miegħu l-Kunsill taħt din l-iskema. Il-Kunsill qabel li mhuwiex f'pożizzjoni li jieħu din ir-responsabilta'.

**34.4.9 Kuntratt G4S**

Il-Kunsill qabel li jġedded il-kuntratt li għandu mal-G4S fir-rigward ta' servizz ta' Cash in Transit biex id-depositi ta' flus u ċekkijiet jitwasslu fil-banek mill-Group 4 Services bir-rata ta' €19.50 kull trip għas-sena 2017 u bir-rata ta' €20.50 għas-sena 2018**.**

**34.4.10 Commonwealth Local Government Conference 2017**

Is-Sindku għamel referenza għall-konferenza hawn fuq imsemmija u l-Viċi Sindku qal li hu ser ikun qed jattendi.

**34.4.11 Tetra għall-Istrina**

Is-Sindku nforma l-Kunsill bil-proposta tal-Green Mt bl-isem ta' Tetra għall-Istrina. Il-Kunsill innota li diġa qiegħed fl-iskema tal-Green Pak dik ta' ġbir ta' tappijiet li wkoll issir b'risq l-Istrina. Għaldaqstant il-proposta ma ġietx milqugħa.

**34.4.12 Taħriġ tal-Kompjuter għall Adulti u Anzjani**

Is-Sindku ressaq proposta ta' Tctc Malta biex isiru taħriġ tal-komputer bl-isem ta' EM Citizens u EM Health immirati lejn l-adulti u anzjani. Il-Kunsill qabel li jara kemm hemm residenti interessati li jipparteċipaw f'dan il-kors qabel jikkommetti ruħhu.

**34.4.13 MOC Sports Award**

Is-Sindku ressaq kommunikazzjoni dwar l-MOC Awards għas-sena 2017. Il-Kunsill qabel li jipparteċipa f'din l-inizjattiva billi jinnomina l-proġett tal-Jogging Track.

**34.4.14 Talbiet u suġġerimenti**

Tressaq diversi talbiet u suġġerimenti u l-Kunsill iddeċieda li:

- Jintalab kunsens mill-kappillan biex l-arbli tad-dawl li hemm fuq iż-żuntier tal-Knisja li jmissu ma' Dawret it-Torri jiġu mal-i*street lighting* peress li mhux qed jinxtegħlu minn naha tal-knisja.

- Jintalabu permessi lill-Transport Malta biex issir *żebra crossing* fi Triq Katerina Vitale u ssir mera fl-istess triq kantuniera ma' Triq Klematis. Issir applikazzjoni lil Transport Malta biex jitneħħew ir-*road humps* eżistenti f'Dawret it-Torri u jsiru tar-r*ubber*.

- Jiġu nstallati *bollard*s fissi quddiem il-ħwienet f'Dawret it-Torri fuq barra tal-entraturi li jmissu ma Triq Ineż Soler

- Jiġu nstallati żewġ *bollards* fissi fid-daħla tal-Pjazza

- Jiġu nstallati żewġ *bollards* bil-katnazz ħdejn il-Kappella fi Triq Ineż Soler

**Nota : Fis-6.30p.m il-Kunsillier Liam Sciberras ħareġ mill-laqgħa minħabba mpenji li kellu.**

**34.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**
Ma kien hemm l-ebda mistoqsijiet tal-Kunsilliera.

**34.6 Mozzjoni 2-2017 – Sleeping Policeman fi Triq Prinjoli kantuniera ma' Triq Klematis**
Il-Kunsill iddiskuta l-mozzjoni mressqa mill-Viċi Sindku s-Sur Frederick Cutajar u ssekondata mill-Kunsillier Joe Bonello. Il-Kunsill qabel unanimament ma' din il-mozzjoni. Kopja tal-mozzjoni qed tiġi annessa ma' dawn il-minuti.

**34.7 Mozzjoni 3-2017 – Xogħolijiet fi Ġnien l-Iskultur**
Il-Kunsill iddiskuta l-mozzjoni mressqa mill-Viċi Sindku, s-Sur Frederick Cutajar u ssekondata mil-Kunsilliera Caroline Galea u Joe Bonello. Saret diskussjoni dwar din il-materja u l-Kunsill kellu jmur għal vot. Il-membri tal-Kunsill preżenti ivvutaw hekk:

Is-Sindku Terrence Ellul – kontra
Il-Viċi Sindku Frederick Cutajar – favur
Il-Kunsilliera Caroline Galea – favur
Il-Kunsillier Joe Bonello – favur

Din il-mozzjoni għaddiet bi tlett voti favur u wieħed kontra. Kopja tal-mozzjoni qed tiġi annessa ma' dawn il-minuti.

**34.8 Attivitajiet għax-xahar ta' Novembru 2017 - Diċembru 2017**
Is-Sindku nforma l-Kunsill bl-attivitajiet għax-xahar ta' Novembru - Diċembru 2017

Preżentazzjoni ta' Ġieħ Santa Luċija li ser issir fil-Pavillon fi Ġnien is-Serenita' nhar l-Erbgħa, 29 ta' Novembru 2017.

Attivita b'risq l-Istrina fejn ser jittellu diversi attivitajiet għall-pubbliku fi Ġnien is-Serenita. Matul din l-attivita' ser ikun hemm kollegament mal-attivita' tal-President –Programm għall-Istrina li ser ikun qed isir fil-Belt Valletta.

Il-Kunċert tat-tfal Angelic Voices li ser issir nhar l-Erbgħa, 13 ta' Diċembru 2017 fis-sala tal-Knisja

Attivita' għall-komunita` li ser issir nhar il-Ġimgħa, 22 ta' Diċembru 2017 fis-Sala tal-Knisja

Attivta' għat-tfal li ser issir nhar is-Sibt, 23 ta' Diċembru 2017 fis-sala tal-Knisja

Attivita għal kulħadd li ser issir nhar il-Ħadd 31 ta' Diċembru 2017 fis-sala tal-Knisja

**34.9 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

**34.9.1** Il-laqgħa intemmet fil-7.30p.m. Il-Laqgħa li jmiss ser issir nhar it-Tlieta, 21 ta' Novembru 2017 fl-4.30p.m.

Konfermati, illum il-__________, __ ta' ____________ 2017

IFFIRMATI
**Terrence Ellul**
**Sindku**

IFFIRMATI
**Caroline Silvio**
**Segretarju Eżekuttiv**